**LULJU/ AWISSU 2007** **NUMRU 223**

## Lill-Presidenti, Assistenti Ekkleżjastiċi u Membri.

Is-sajf huwa magħna, kollha kemm aħna qed naħsbu li b'xi mod inbiddlu xi ftit, għal xi żmien, ir-rutina ta' kuljum . . . u nagħmlu tajjeb, għax il-ftit tal-bidla u tal-mistrieħ jagħmlu ġid fir-ruħ ukoll.

Kif se ngħaddu s-sajf? ....Jekk minn issa ma nagħmlux programm, is-sajf jista' jkun żmien moħli, li ma għandux ikun. Mistrieħ iva, imma apatija u għażż le.

Nistgħu nagħmlu programm kollettiv, bejn il-membri u jista' jkun ukoll bejn diversi ċirkoli, programm differenti imma li jħalli l-ġid kemm fir-ruħ u kemm fil-ġisem. Nixtieq ma nkunx jien li nissuġġerixxi x'għandu jsir. Nixtieq li nħalli fl-immaġinazzjoni tagħkom u fil-ħeġġa tal-presidenti u l-membri. Kemm nistgħu nagħmlu ġid fis-sajf?

Jien ma nsibhiex diffiċli li ngħidilkom li ċ-ċirkoli m'għandhomx jagħlqu għal tul is-sajf kollu . . . Kif mhux xi ħaġa tad-dinja l-oħra jekk niltaqgħu u nagħmlu xi reviżjoni tal-lezzjonijiet li għamilna matul is-sena ! . . U xi ngħidu jekk norganizzaw xi ħidma ta' karità? Għandna d-dar ta' l-Anzjani tan-Naxxar, jew xi dar oħra ta' l-anzjani. Forsi bi żjara qasira u kelma tiegħek tista' ġġiegħel anzjan/a titbissem . . Tista' bil-ftit għajnuna ta' diversi tkunu qed tgħinu li jkunu ffrankati xi spejjeż . . .
Ir-ruħ ma tistrihx . . m'għandhiex vaganzi .. . Fil-vaganzi wkoll irridu nibqgħu nikbru fil-qdusija. Ma nistax nimmaġina li nittraskuraw il-quddies, it-tqarbin u t-talb privat . . .

Intom Presidenti, intom il-membri, kunu l-muturi li żżommu ħajja l-fjamma dejjem tixgħel ta' l-ispirtu ta' l-Azzjoni Kattolika. . .

Il-poplu tagħna għadu kemm għadda minn esperjenza eċċezzjonali, il-kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca . . li qatt ma ħa vaganzi, qatt ma waqaf mill-ħidma, u iżjed u iżjed qatt ma waqaf jitlob.

TINSEWX.. ... ĦALLU VOJT.. ... IL-ĦADD 14 TA' OTTUBRU 2007 GĦALL- ASSEMBLEA ĠENERALI. Din is-sena se jkollna l-Mons Arċisqof il-mistieden tagħna.

**P.Damian Cachia O.Carm Ass. Ekkl. Ġenerali**

## MADWARNA

Għal l-aħħar ta' Ġunju rappreżentanti taċ-Ċirkoli flimkien mad-Direttorju Ġenerali u l-Membri tal-Kummissjonijiet u entitajiet l-oħra ta' l-Azzjoni Kattolika ltaqgħu fil-Laqgħa Ġenerali Annwali. Din il-laqgħa ssir kull sena u hi l-unika okkażjoni fejn id-Direttorju jaqsam mal-mexxejja taċ-Ċirkoli l-fejn miexja l-Azzjoni Kattolika u jieħu l-opinjoni tagħhom dwar diversi punti. Din id-darba tkellimna dwar il-fejn inħossu li qiegħed imexxina l-Ispirtu s-Santu. X'inhuma s-sinjali li qegħdin juruna t-triq li għandna nieħdu biex ngħixu s-sejħa tagħna fi żmienna. Qegħdin naraw tlett sinjali ċari.
**L-ewwel sinjal** tahulna l-Papa Ġwanni Pawlu II fil-5 ta' Settembru 2004 waqt il-beatifikazzjoni ta' tlett membri ta' l-Azzjoni Kattolika. Dak inhar qalilna:
"Ħbieb nistedinkom biex iġġeddu l-wegħdiet tagħkom u nagħtikom tlett doveri:-

- il-kontemplazzjoni
- il-Komunjoni
- il-Missjoni. "

Żgur li fil-programm tas-sena d-dieħla se nfiċċu mezzi biex insaħħu dawn id-doveri.
**It-Tieni sinjal** hu l-qawmien spontanju taż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika

- fi gruppi mmexxijin minn żgħażagħ
- fi gruppi li jiltaqgħu tfajliet u ġuvintur flimkien.

L-Arċisqof Pawl Cremona ddeskriva dan il-qawmien bħala opra ta' l-Ispirtu s-Santu. Għalhekk għandna nirringrazzjaw 'l Alla għal dan il-qawmien. Aħna għandna wirt rikk ħafna x'noffrulhom. Min hu sinjur jixtieq l-ulied biex ikollu l-għeżież tiegħu lil min ikun jista' jħalli ġidu. Hekk aħna. Ħadd ma għandu jħossu li qiegħed jiġi mwarrab meta nkunu qegħdin nagħtu xi ftit aktar importanza liż-żgħażagħ.
Bħalhom għandna mmexxu l-laqgħat tagħna mill-adulti għall-adulti, mingħajr ma nistennew wisq għajnuna u nkunu ta' piż għall-Knisja.
**It-Tielet sinjal** huwa s-sejħa għall-komunjoni. Flimkien ma' dik tal-formazzjoni s-sejħa għall-komunjoni hija s-sejħa l-aktar qawwijja li ħarġet mis-Sinodu. Għall-membri ta' l-Azzjoni Kattolika din is-sejħa hija waħda mid-doveri mogħtija mill-Papa u għalhekk irridu nkunu minn ta' l-ewwel biex ngħixuha fil-familja tagħna, bejnietna u fil-parroċċa, mal-Kappillan u l-għaqdiet l-oħra.
Bħala sinjal ta' din il-komunjoni mixjin bil-mod il-mod lejn il-possibbiltà li niltaqgħu f'ċentru wieħed, tfal, żgħażagħ u adulti u biex insaħħu l-kunċett ta' Familja Azzjoni Kattolika. Dan il-pass għandu jwassal biex il-familja tikber flimkien fil-formazzjoni spiritwali, titlob flimkien u allura tingħaqad aktar.
Komunjoni akbar titlob ukoll li l-membri ikunu aktar qrib tal-kummissjonijiet u entitajiet l-oħra ta' l-Azzjoni Kattolika. Flimkien għandhom jgħixu l-iżvilupp tagħhom u jaqsmu mix-xogħol tagħhom biex il-kariżmi ta' dawn il-kummissjonijiet jinfiltraw fiċ-ċentri u jwasslu l-ispirtu ta' karità sinċiera fil-paroċċi fejn ix-xogħol tagħhom għandu jilħaq il-milja.
**Joyce Pullicino President Ġenerali**

## Fergħa Rġiel

| | |
|---|---|
| It-Tnejn 17 ta' Settembru 2007 | Laqgħa tal-Kunsill Ċentrali fil-5.30 p.m. |

## Fergħa Nisa

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis 12 ta' Lulju 2007 | Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m. |
| Il-Ħamis 19 ta' Lulju 2007 | Quddiesa ta' Ringrazzjament (Kunsill) |

## Fergħa Xebbiet Adulti

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis, 5 ta' Lulju 2007 | Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m. |

Inħeġġu biex fejn hu possibbli nibqgħu nagħmlu l-laqgħa ta' kull ġimgħa fiċ-ċirkolu tagħna. Nistgħu norganizzaw xi attività għall-membri taċ-ċirkolu biex inżommu aktar kuntatt.
Nixtiequ lil kulħadd Sajf ta' mistrieħ.

## GRUPPI KOPPJI MIŻŻEWĠIN

Nawgurawlkom il-vaganzi t-tajba u tajjeb nissuġġerixxu li l-laqgħat jibqgħu jsiru x'imkien ħdejn il-baħar jew għall-arja.
Carmen u Joe Agius Delicata

## Fergħa Żgħażagħ Azzjoni Kattolika Ż.A.K.

| | |
|---|---|
| 14 ta' Lulju | ŻAK 007 Attivita' tas-sajf għall-membri kollha taż-ŻAK. |
| 20 ta' Lulju | Logħob għal dawk li għandhom 11-15 il- sena organizzati minn ŻAK San Ġiljan. |
| 27 ta' Lulju | *Treasure Hunt* għal dawk li għalqu 16 il-sena. Jorganizzaw ŻAK Ħal-Tarxien. |
| 1-10 ta' Awissu | ŻAK Swatar jospitaw grupp mill-Ġermanja u grupp mis-Slovakkia. |
| 6-13 ta' Awissu | Xi membri taż-ŻAK imorru l-Litwanja għal *Eurocontact*. |
| 8-15 ta' Awissu | *Leadership training* bejn Malta, Italja u Slovakkia ġos-Slovakkia. Is-sena d-dieħla ssir hawn Malta. |
| 15-23 ta' Awissu | ŻAK B'Kara se jospitaw lis-Slovakki fit-tieni parti ta' l-għhom. |
| 31 ta' Awissu - 9 ta' Settembru | Kamp Sajf dis-sena għandu t-tema ta' l-Ispirtu s-Santu. |

**L-Information Sheet Bl-email**

Tixtieq tirċievi l-Information Sheet bl-email ? Ibgħat it-talba tiegħek permezz ta' email indirizzata lill-infosheet@akmalta.org

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

**Servizz bil-Minibuses**

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità. Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikulta' ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-booking tagħkom

***Dħul Finanzjarju mill-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju '07***

Qed nagħtu l-figuri li joħorġu s'issa mill-ġbir u spejjeż waqt il-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju:-

| | | |
|---|---|---|
| | Dħul Totali : - | Lm 10,057.94 |
| | Spejjeż | Lm 1,381.63 |
| | BILANĊ | Lm 8,676.31 |

**Nota Importanti:-** Għad baqa' xi flus mill-Parroċċi x'jidħlu.

Naturalment is-Segretarjat Assistenza Soċjali għandu bżonn ħafna aktar finanzi minn hekk biex iwettaq il-ħidma tiegħu ma' ħutna fil-bżonn. Konvinti li l-Mulej jgħinna permezz ta' qlub ġenerużi oħra matul is-sena għax dak li qed isir huwa għall-Glorja Tiegħu.

Mill-ġdid grazzi lil kulħadd.

---

1 Ta' Lulju 2007 Festa tal-Beatu Nazju Falzon,
Patrun tas-Segretarjat Assistenza Soċjali
Nitolbu sabiex jekk tkun il-volontà ta' Alla naraw lil dan il-Beatu Qaddis.

Solidarjeta' fit-Talb Ma' Ħutna Morda bil-Kanċer

Se ssir quddiesa nhar il-Ġimgħa 6 ta' Lulju 2007 fis-6.30 p.m. fil-Knisja Kolleġġjeta ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt. Il-Pubbliku hu mistieden li jattendi għal din il-quddiesa.
Din il-quddiesa tagħlaq in-Novena ta' San Mikiel tal-Qaddisin kollha, Patrun tal-Morda bil-Kanċer.
Is-SAS għandu relikwa ta' dan il-Qaddis. Min ikun jixtieq li jissellef din ir-relikwa biex jitlob xi grazzja għandu jċempel fuq 21220286 jew 21220463.

DAR FAMILJA MQADDSA - NAXXAR
EJJEW U ĠIBU L-FAMILJARI U ĦBIEB TAGĦKOM
GARDEN DINNER - IS-SIBT 21 TA' LULJU 2007 FIS-7.15 P.M.
FIL-ĠONNA TAD-DAR TA' L-ANZJANI TAN-NAXXAR
LI TMEXXI L-AZZJONI KATTOLIKA
Preżentatur : Charles Saliba
Jieħdu sehem l-aħjar kantanti fix-xena lokali.
*Jekk kull ċirkolu jibbukkja mejda jew tnejn nimlew il-ġnien malajr. Tieħdu pjaċir żgur għax l-esperjenza ta' l-aħħar għaxar snin hekk uriet u tkunu qed tgħinu lid-Dar ta' l-Anzjani Familja Mqaddsa - Naxxar.*
*Booking : 21410015 / 21438025*

**Dar Familja Mqaddsa - Naxxar**
**Pasta Buffet**
**Is-Sibt, 25 ta' Awissu 2007 fis-7.15 p.m.**
**Fil-Ġonna tad-Dar**
**F'Din l-Okkażjoni titla' l-Lotterija b'Risq l-Istess 'Home'**

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

**SOLIDARJETÀ** Il-Programm li tippreżenta l-A.K.M. iddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità, bl-isem Solidarjetà jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-8.30 p.m. fuq Radju Malta. Dawn huma d-dati tal-Programm tagħna għal Lulju u Awissu 2007:
Lulju : - 1, 8, 15, 22 u 29.
Awissu : - 5, 12, 19 u 26.
Napprezzaw ħafna lil kull min jista' joffri s-servizz bil-karozza tiegħu għal tlett attivitajiet li l-Kummissjoni tagħna tagħmel matul is-sena. Il-Kummissjoni tixtieq il-vaganzi t-tajba lil kulħadd filwaqt li tixtieq tirringrazzja bil-quddiem lil kull min joffri s-servizz.

**Ħinijiet Tas-Sajf fl-Istitut Kattoliku:**

i. Mill-1 sal-31 ta' Lulju 2007 mit-8.30 a.m. sas-7.00 p.m.
ii. Mill-1 sal 31 ta' Awissu 2007 mit-8.30 a.m. sas-1.00 p.m.
iii. Mill-1 ta' Settembru 'l quddiem mit-8.30 a.m. sad-9.00 p.m.

# L-AZZJONI KATTOLIKA MALTIJA

# SER TORGANIZZA

# ĠITA FIS-SAJF

# GĦALL-LOURDES (FRANZA)

## *DATA: MIT-13 - 18 T'AWISSU*



GHAL BOOKING U AKTAR INFORMAZZJONI
ĊEMPLU 21 222239
Tistgħu tiġbru l-programm mill-Uffiċċju ta' L-Azzjoni Kattolika - Floriana jew mill-bookshop ta' l-Azzjoni Kattolika - Floriana

# PROGRAMM - Lourdes

## It-Tnejn 13 ta' Awissu

Fis-7.30 pm niltaqghu mat-Tour Leader taghna fl-ajruport KM 7446 ta' l-AirMalta lejn **LOURDES.** Imorru mill-ewwel fil-lukanda taghna fejn niehdu l-kmamar taghna ghall-mistrieh.

## It-Tlieta 14 ta' Awissu

Dalghodu immorru mat-Tour Leader taghna ghall-ewwel zjara u talb taghna fis-***Santwarji.*** Naraw it-***Tlett Basiliki*** fuq xulxin kif ukoll immorru fejn il-***Grotta*** fejn inkunu nistghu nidhlu wara l-artal sabiex b'qima kbira immissu u nbusu il-blat tal-***Grotta Mqaddsa***. Naraw ukoll l-ilma gieri mirakoluz. Dalghodu jkollna ukoll l-ewwel quddiesa taghna bil-Malti u min irid nistghu anke naraw il-video ufficjali ta' Lourdes. Wara l-ikla taghna fil-lukanda illum ikollna eskursjoni ghall-famusi **GROTTI TA' BETHARRAM**. Dawn il-Grotti gew iffurmati fil-muntanji b'mod naturali bl-ilma li ghadda min go fihom tul is-sekli. Illum ghad fadal ftit biss mix-xmara, izda min fejn ghadda l-ilma halla warajh gmiel naturali. Il-kwoc thallina fuq il-muntanja min fejn nidhlu fil-grotti u bil-mod flimkien mal-gwida ninzlu sakemm naslu fejn ix-xmara ezistenti fil-muntanja stess. Hawnhekk naqsmu x-xmara fuq dghajsa apposta mbaghad nirkbu tren zghir li jghaddina qalb l-ahhar part ital-muntanja. Hawn insibu l-kowc taghna tistenniena. Wara l-ikla taghna imbaghad nistghu nergghu mmorru hdejn il-grotta sabiex nippartecipaw fir-recita tar-Ruzarju Mqaddes waqt il-purcissjoni ***Aux Flambeaux***.

## L-Erbgha 15 ta' Awissu

Illum imorru flimkien 'taht l-art' fiz-zona sagra tal-Bazilika San Piu X fejn nippartecipaw fil-Quddiesa Internazzjonali. Wara mmorru fejn il-Grotta sabiex flimkien nghamlu t-talb taghna lill-Madonna. F'nofs in-nhar imorru l-lukanda ghall-ikla taghna sabiex wara ikollna eskursjoni ghal **BARTRES** u **TARBES**. F'Bartres naraw fejn kienet tghix u titlob Bernardette. F'Tarbres immorru inzuru l-akbar shopping centre modern – **Le Meridien Shopping Arcade.** Fis-7.00pm ikollna l-ikla taghna fil-lukanda imbaghad wara nistghu nergghu mmorru hdejn il-grotta sabiex nippartecipaw fir-Ruzarju Mqaddes.

## Il-Hamis 16 ta' Awissu

Illum ikollna dik li hafna jqisu bhala l-isbah eskursjoni vicin ta' Lourdes meta mmorru **PONT D'ESPAGNE**. Dan hu forsi l-aktar pont spettakkolari fiz-zona kollha ghaliex propju tahtu jinghaqdu tlett kaskadi ta' ilma nizel mill-muntanji tal-madwar. Biex nitilghu hdejn il-pont nistghu naghzlu il-Cable Car (hlas extra). Wara l-ikla ta' nofs in-nhar illum ikollna ftit hin liberu fejn is-santwarji. Fis-saghtejn u nofs jifthu l-**banjijiet** filwaqt li fl-4.30 pm nistghu niltaqghu sabiex naghmlu adorazzjoni quddiem Gesu Sagramentat u fil-5.00pm ninghaqdu ghal-purcissjoni bis-sagrament u **t-tberik tal-morda**. Nistghu wkoll nghamlu l-Via Sagra fl-gholja fejn is-Santwarju. Wara l-ikla taghna mbaghad nistghu nergghu mmorru hdejn il-**Grotta** ghat-talb taghna.

## Il-Gimgha 17 ta' Awissu

Wara l-kolazzjon taghna illum nistghu immorru sas-**Santwarju** ghall-quddiesa taghna. Wara mbaghad min hemm stess illum ikollna eskursjoni bil-mixi mat-Tour Leader taghna madwar il-belt ta' **Lourdes**. Nibdew mill-**Mithna Boly** fejn twieldet *Bernardette* u ghexet l-ewwel ghaxar snin ta' hajjitha. Immorru ukoll fil-**Knisja Parokkjali tal-Qalb ta' Gesu** fejn tghammdet Bernardette kif ukoll il-Cachot fejn kienet tghix Bernardette meta kienet tidrilha l-**Madonna.** Tard filghodu nirritornaw lura l-lukanda sabiex naghmlu c-check out u nieklu ikla ta' nofs in-nhar taghna. Wara l-ikel immorru fuq l-eskursjoni taghna, illum lejn **PAU.** Pau hija belt tipikament Franciza fejn mhux biss naraw ic-centru storiku u l-kastell ta' Enriku IV izda ukoll ikollna cans ghax-xiri fl-istabbiliment modern ta' **AUCHAN** propju barra Pau fit-triq lejn Lourdes. Nirritornaw il-lukanda sabiex nieklu l-ikla taghna.

Wara nistghu mmorru ghall-ahhar talb taghna fejn il-grotta qabel l-10.30pm meta tigi ghalina l-kowc biex mill-lukanda tehodna l-ajruport.

### Is-Sibt 18 ta' Awissu

Hekk kif naslu l-ajruport nghamlu c-check in taghna sabiex mbaghad intiru lura lejn Malta fuq it-titjira KM 7447 ta' l-AirMalta diretta (0050 – 0305).

**Rati**



| | |
|---|---|
| Adulti – F'kamra trippla | Lm 170 – EUR 396 |
| Adulti – F'kamra doppja | Lm 172 – EUR 400.65 |
| Adulti – F'kamra singola | Lm 188 – EUR 437.92 |
| Tfal (2-11) f'kamra ma zewg adulti | Lm 135 – EUR 314.47 |

**Ir-rati ta' hawn jinkludu:**

- **Titjira diretta lejn Lourdes u lura**
- **Transfers mill-ajruport ghall-lukanda u lura**
- **4 iljieli fil-lukanda 3 star stabbilita taghna**
- **4 Kolazzjoni, 4 ikliet ta' nofs in-nhar u 4 ikliet ta' filghaxija fil-lukanda taghna.**
- **Kmamar bil-facilitajiet privati kollha**
- **Tour information Pack b'xejn ghal kull kamra**
- **Servizz ta' Tour Leader – Direttur Spiritwali maghna il-hin kollu (Patri Damian Cachia – Ass. Ekklesjastiku – Azzjoni Kattolika**

| **Eskursjonijiet Opzjonali** | | |
|---|---|---|
| Grotti ta' Betharram | Lm 10 | EUR 23.29 |
| Bartres u Le Meridien | Lm 5 | EUR 11.65 |
| Pont d'Espagne | Lm 10 | EUR 23.29 |
| Pau u Auchan | Lm 10 | EUR 23.29 |
| It-tfal 2 -11 ihallsu | Lm 20 | EUR 46.59 |
| | | |
| **Extras Obligatorji** | | |
| Taxxi kollha | Lm 49 EUR 114.14 | |
| | | |
| **Extras Opzjonali** | | |
| Assikurazzjoni ta' | l-Ivvjaggar Budget mal-Middle Sea | |
| Adulti | Lm 9 EUR 20.96 | |
| Tfal 2 -11 ihallsu | Lm 5 EUR 11.65 | |

## Ghall-booking wiehed jista jcempel fuq 21 222239 is-Segreterija ta' l-Azzjoni Kattolika

**Il-lukanda taghna 3 star Hotel de Paris – www.hotelparislourdes.com - Din il-lukanda hija 50 METRU BISS boghod mis-SANTWARJU MQADDES u ghandha l-facilitajiet kollha private.**

### Min jibbukja pakketta komplut ihallas:

| | |
|---|---|
| **Adulti – F'kamra trippla – Lm 263 – EUR 612.63** | **Adulti – F'kamra doppja – Lm 265 – EUR 617.28** |
| **Adulti – F'kamra singola – Lm 281 – EUR 654.55** | **Tfal (2 – 11 sena) f'kamra ma zewg adulti - LM 209 – EUR 486.84** |

# Clearance Sale

## Mit-2 ta'Lulju sal-14 ta' Lulju 2007



# 50% OFF







## fuq kotba, statwi etc.

## *fil-librerija ta'*

## *l-Azzjoni Kattolika*

## l-Floriana